# Il-Memorji Tiegħaj tal-Ġimgħa l-Kbire

## minn Joseph Baldacchino

Jiene neħseb, illi l-kaġun tal-ġibde li għandi lejn il-festi, spiċjelment ta' belt twilidi, hiw il-frott tat-trubbije li kelli. Minn ċkuniti niftakarni niġri mal-ġenitiwri sejrin il-knisje għall-feste ta' Santa Keterine, il-Ġimgħa l-Kbire, u megħhe l-Quddiese ta' bil-Lejl, ma tunqosx ukoll dik tal-lejl tal-Milied. Niftakarni wkoll mmur ma' missieri, kemm il-feste ta' Ħaż-Żabbur, kif ukoll, dik tal-Madunna ta' Pumpej, f'Marsaxlokk, għalkemm dik kienet kemmxejn iżjed spiċjuli, għax kunna mmurru anki għall-Quddiese ta' filgħodu, jiġifieri dik tal-paniġierku. Ma niddejjeqx ngħajd, li f'dik kont niddejjeq, għax kienet twila wesq, u mhux l-ewwel darba li laqqat xi ħarsa bl-ikreh m'għand missieri, għax ma kienx ikiwn ħsiebni fil-Quddiese, b'rusi ddur 'l hawn u 'l henn, inħures lejn is-saqaf u l-artuli. Nistqar ngħajd, illi kieku kont reliġjuwż, daqskemm inħobb l-Arti Sugra u l-festi esterni, mite mmiwt, il-Mulej jgħajd lil San Pietru biex jerseq siġġu 'l hemm, biex lili jpuġġini bejniethom.

Kelli xi tnux-il sene u peress li kont abbuti, ma kienx jinqos li nkiwn qed niehu sehem f'xi purċissjuni, spiċjelment dik tal-Ġimgha l-Kbire. Niftakar sew, li kont ma' tliete oħra bil-lenterne, nakkumpanjaw il-vura hekk imsejħħa, il-Munument. Neħseb li kienet is-sene elf disgħa mije u tnejn u sittin, insumma, jew ta' qebile jew ta' warajha, ma neħsebx li sa tagħmel xi differenze fuq dun li sa ngħajd. Waqt is-sultu dawra tal-purċissjuni, nuf li kunna mxejne biċċe sewwe mir-Reħel ta' Fuq, u anki kunna durna mal-kantuniere li hemm qebel taqbad it-Tico Tico Bar, li kellu Ġanni l-Pijċu, jiġifieri għaddejjin minn Triq Santa Marija, dejjem inqerrbu, sejrin lejn il-Knisje b'pass kemmxejn mghaġġel. Sewwe sew kantuniere ma' Triq San Pietru, fejn kelle il-ħeniwt tal-merċa Marij tas-Sijs, bdiet traxxax ix-xite.

Duk iż-żmien il-purċissjuni ma kienetx twila bħel dik tal-liwm, persunaġġi ma kienx hemm għajr Nikodemu u Ġużeppi t'Arimatea, lejn l-aħħar tal-purċissjuni. Mar-Redentiwr kien ikiwn hemm erbgħa tal-Boy Scouts, idoqqu it-trumbi, li ftit wara ħudu pusthom tlitt pirsiwni, li wara sirne ħbieb ħefne, li kienu jilbsu ta' Rumuni. Illiwm mite niftakar fihom, naqbad nidħek, għax il-kurazza li tgħatti s-sider kienet tal-kartapeste, jiġifieri, karti imweħħle bil-kulla fuq qafas tax-xibke tal-gallinuri, bħel ma jagħmlu l-karrijiet tal-Karnivul. Bix-xurti li ma kienx jinqala' ġlied duk iż-żmien, bħel ma kien jiġri fi żmien Ġulju Ċesri,

għax lanqas kienu jilħqu joħurġu fil-kamp tal-battalja, li ma kieniwx ikurru gruvi, jew jinqetlu mal-ewwel attakk. Kien ikun hemm ukoll jakkumpanja Disma Gauci, li kien jagħmel it-twiebet, niftakru duk iż-żmien fi Triq Santa Marija, fil-ħeniwt tiegħaw bi tlitt tarġiet, dejjem itektek bil-mertell. Dun ir-ruġel, kien ikiwn idoqq il-fifre wara l-Munument, ma' xi ħedd ieħor bit-tambur li nsejt min kien.

Għodu ċur daqs il-kristall, duk il-mument, mite x-xite bdiet iżżid u dun l-istess Disma qalilne biex inwarrbu min-nofs u nitilqu niġru lejn il-Knisje. Niftakar sew li l-qassisin daħlu fil-Knisje ta' Santa Marija, li kienet l-eqreb post, u ħellew il-Munument miexi bħel spieċi qed itir waħdu fl-urja, dun għaliex kien jintrafa' minn teħt, u għalhekk ir-reffiegħe ma kieniwx ikiwnu jidhru, apparti li jiġri megħhom u jidderiġihom, kien hemm duk li kien inkarigut minnu, li niftakar kien jiġi missier ħebib tiegħaj, ċertu Saliba, mlaqqam il-Gulja. Kif wasalna f'dik il-fetħe ta' ħdejn ta' Ċaflas, li kien magħriwf sewwe għall-bejgħ tal-pasturi kif ukoll għall-maskri tal-Karnivul (dejjem qed ngħajd għal dawk tal-itu tiegħaj), xi ħedd ġieħ il-ħsieb li jippruvaw idaħħluh fir-remisse ta' Bunell, il-mastrudaxxa, u hekk ġara għax f'leħħe ta' berqe nfeteħ il-bieb biex jiddaħħal hemm ġew, u ma ssirx ħefne ħsura, peress li hiw kullu rakkmu. B'xurti tajba l-bieb kien kbir ħefne, u sata' jidħol bil-libirtù kullha, avulja wieħed mill-anġli li hemm fil-kantunieri tiegħaw, spiċċe bil-ġewneħ iperper qisu qiegħad itir, hekk kif f'duk il-pandemunju, laqqgħat daqqa ma' waħde mill-ħbubat kbur li fih il-bieb. Bħel ma jgħajdu waqt id-deni jista' jfeġġ il-ġid, għax kien tajjeb li dun il-bieb kien daqshekk wiesgħa. Ir-raġuwni hi li hemmhekk, ħefne annuti qebel (peress li hiw parti mill-binje Aedes Danielis, jiġifieri duk tal-Markiż, u li jiġi fuq wara ta' dun l-istess Palazz), sidu Girgor Boniċi, li kien il-benefattur tal-bini tal-knisje tagħne, kien idaħħal il-karuzzelle tiegħaw hemm ġew.

Jien, ta' kurżitajr li kont, waqaft biex naruhom idaħħluh ġewwe, u nistħejjel li nsib min jistaqsini għaliex u dun kien biex nura sewwe r-reffiegħa kif ikiwnu qed jarfgħawh minn hemm teħt. Peress li fit-triq ikiwnu mgħottijje bil-faldrappa tiegħaw, ma jidhriwx. Għodni niftakar sewwe, li wieħed mir-reffiegħe kien Ninu, li kienu joqgħodu ftit bibien bogħod minne, li kunna nsibiwhom bil-laqam 'Tas-Saħħur'.

Ix-xite kienet żdiedet sewwe, u għalhekk iddeċidejt, li avulja kont diġù mxarrab tallgħajt l-ispellizze fuq rusi, tfajt il-lenterne fuq spalti, daqs li kieku kont sejjer lejn il-Qajjanza għal xi sajda għall-vupi, u tleqt b'ġirje waħde lejn il-knisje, bil-biebe tal-istess lenterne miftiwħe, tħabbat u tixxengel ma' kull qebże li kont qed nagħmel. Mhux ta' b'xejn li kif wasalt hdejn iz-Zizzu, li kien

joqgħod ħdejn il-Banka tal-Luttu, kantuniere mat-triq tal-Għasse waqqafni Ġuzeppi l-Għoqdi, li kien is-sagristun ta' duk iż-żmien, qabadli widnejje u ġibidieli waħde sewwe, u qalli li duk mhux il-mod li bih kelli niġri bihe għax kont qisni f'xi gwerre bl-azzarin fuq spalti sejjer għall-attakk. Għax b'hekk kont qed nagħmlilhe l-ħsura ble ma nuf. Fi tfulijtne lil dun is-sagristun, tgħajdx kemm kunna nibżgħaw minnu, għaliex peress li kunna abbatini bħel qisne rabbejne il-gust tal-knisje, u ma kienetx l-ewwel darba li kien isibne niġru f'xi pustijiet fejn mhux suppost nidħlu. Hiw ta' bniedem rispunsabbli li kien jiġi inkess inkess u ble kliem ta' xejn, kien iweħħlilne xi daqtajn fuq il-warruni, bil-biċċe gendilette li dejjem kien ikullu fil-biwt għad-dispuzizzjuni tiegħaw. Eħne kif inħussu d-daqqa, nibdew noqumsu, iżjed mill-ħmir li jkun hemm jiġru fit-Triq taċ-Ċawsli, waqt xi tiġrijje.

Wara din it-tbeżbiże, li sa lliwm għodni ngħajd li kont ble ħtije, għaddejt minn quddiem Pawlu tat-te u fil-biċċe d-dejqe, ta' ħdejn il-ħeniwt li kellu Ovidju, kienu miexje b'pass mgħaġġel ir-reffiegħe bir-Redentiwr.  Feċilment nistqarr, li min wara duk l-episudju, kull darba li narġa' niġi quddiem din l-istutwa, inħoss tkexkixe ma' ġismi kullu, għax għodhom jidwu f'widnejje ċ-ċekċik tal-imsielet tal-kristall li hemm imdendle mal-brazzi, kif ukoll it-taħbite tal-katina li għandu ma qaddu, hekk kif kien miexi jitbandal  f'dik ix-xite. Ma nistgħux ma nsemmix, li l-istess ġara ftit passi l-quddiem bil-vura tal-Marbut, fejn it-tbandil u t-taħbit tal-katina mal-kulunna kien ħefne iżjed b'seħħtu, bhel ma' deher ukoll tal-biżgħa t-tfeqqiħ tax-xite fuq dahru, li duk il-ħin, ħessejthom bħel daqqiet ta' frusta fuq il-ġisem għeri ta' dun l-imsejken bniedem ble ħtije. Ħeqq, bħel ma kont jien ukoll f'duk il mument.

Ħdejn is-Salib li hemm f'nofs il-pjazza, laqgħani missieri u waqqafni biex jieħu l-lenterne minn idejje, u qalli biex niġri lejn il-Knisje, għax kien sa jwassalha hiw. Għall-ewwel żammejthe soda f'idejje biex nurih li me redtx nagħtielu, ghax ta' tifel żgħajr li kont, għadtlu li ma kienx juf jerfegħhe peress li għalije jien kont qed nagħmel xi ħuġa spiċjuli. Iżda bil-ħarsa biċ-ċiere tiegħaw ċidejt bħel li kieku xejn, mur ibsor li bħel xejn me redtx ngħallem lil missieri x'għandu jagħmel f'duk il-mument. Kont insejt li kien fretell, u kien kapuċi ħefne iżjed minni f'duk il-mistier.

Kif dħalt l-Knisje, f'dik il-geġwiġije, nilmeħ lil ummi u mbikkem kif kont mort niġri ħdejhe għall-wens. Kemm minħebbe li kont iffastidjut li fl-aħħar biċċe tal-Pjazza missieri ħudli l-lenterne, u iżjed u iżjed bil-ġibde li ġibidli widnejje Ġuzeppi l-Għoqdi. Duk il-ħin ummi nażgħatli l-ispellizze li kienet imxarrba sewwe, wara neħħietli wkoll is-suttuna, u peress li n-neħe ta' fuq

tegħhe ma kienx daqshekk imxarrab, ixxuttutli rusi sewwe u libbsitni l-flokk li kelle f'idejhe, li kienet ġiebet megħhe bħes-sultu mid-dur għal mite ninża' l-hwejjeġ tal-abbuti.

Il-ġeġwiġije ta' dawk il-mumenti ma ninsiehom qatt. Il-vuri, għalkemm kienu fuq il-bankuni, kienu bil-bredelli imxarrba u mitliwqe fin-nuvi mhux kif ikiwnu fil-jiem tal-feste, għax kull vura li kienet tintlemeħ ġejje kienu jġibu il-bankun tegħhe ħdejn il-bieb u jpuġġuwhe fuqu u jimbuttawha min-nofs lejn l-eqreb nuva. Ir-reffiegħe kienu qed jiġru bil-vuri daqs li kienu f'tiġrije, fecilment ngħajd, li l-ewwel li waslet kienet l-istutwa tal-Aċċjumu, ghax hi kienet l-eħfef, minkejje li kienet it-tielet waħde fil-purċissjuni. Ħefne drubi, din kienet l-istutwa li kienet tintrafa' mid-dilettanti żgħor li jkiwnu għodhom sa jieħdu sehem fl-irfigħ għall-ewwel darba, peress li ma kienetx ta' ċerte toqol, filfatt baqa' jingħod hekk sa kemm inbidlet.

Għodhom ċuri daqs il-kristall dawk il-mumenti tal-agħagħ u l-pandemunju li nqala' mite kienu dieħlin bil-Vura l-Kbire, peress li din qebel tiddaħħal mill-bieb, trid titniżżel u titbaxxa fuq l-idejn, idawwru il-Kurċifess le ġenbe u kif tidħol ġewwe tarġa' tintrafa fuq l-ispalla, ghal fuq il-bankun. Iżda ġara, li xi ħedd min dawk li kien qed jidderieġi qallhom biex jarfgħaw kmieni u r-rus tas-salib, li hi tal-fidde, weħlet mal-pavaljun tal-bieb prinċipuli u ma satgħawx ikumplu jimxu. B'ta' warajhom, bil-vura devota tad-Duluri, jgħajtu biex iħeffu ħelli jfittxu jidħlu hiwme wkoll. Duk il-ħin, xi ħedd tu l-urdni biex jarġaw ibaxxuhe biex tkiwn tista' tidħol, iżda ġara li duk it-tarf li kien imweħħel mal-pavaljun ċiede u tqaċċat min-neħe minnhom, b'hekk inqala' minn miegħaw u daħlu. Eżatt megħhom daħal Pietru ta' Buttunije, imqarras, iħokk rusu u jgedwed bil-ħsura li kienet ġrut, għax kien hiw li ried jirrimiedje u jsewwi peress li kien il-prokuratiwr tegħhe.

Mita il-vuri kienu kullha ġewwe, apparti dik tal-Munument, ħefne kienu r-reffiegħe u d-dilettanti li bdew iżarmaw il-brazzi biex jimsħiwhom mill-aħjur li satgħaw biex ma jiswidhiwx. Il-prokuratiwri flimkien ma' xi qruba tegħhom, saħansitre, talgħaw fuq il-bredelli biex jixxuttaw duk li kien pussibbli biex titnaqqas il-ħsura kemm jista' jkiwn. Fost dawn, jugħti daqqa t'id, kien hemm it-tabib Sandy Cachia Zammit, u neħseb li peress li kien Membru Parlamenturi, l-għada perrċu r-ritratt tiegħaw fuq il-faċċuta tal-gezzetti bilwieqfa fuq il-bredelle jixxutta l-istutwa. Inżid ngħajd, li kemm il-Vura l-Kbire u kemm dik tad-Duluri ġarrewhom biswit il-pulptu, xi wħiwd talgħaw fejn ikiwn il-predikatur u minn hemm qalgħaw l-irjus tas-sluleb u xi fided oħra, u fl-istess ħin ixxuttaw kif satgħaw l-istess sluleb u l-korp tal-Kurċifess, peress li ma kienx pussibbli li jintleħqu minn isfel.

Ix-xite kienet naqset sewwe, u għalhekk, ħefne minn dawk li kien hemm fil-knisje bdew jitilqu. Jien kont kuntent li ma kontx wieħed minnhom, għax missieri kien għodu qieghad jgħajn fl-ixxuttur tal-lenterni u simboli oħra, iżda dun ma kienx għat-tul għax f'qasir il-ħin ġie ħdejne u qul lil ummi biex imurru lejn id-dur. Jien qarrast naqra wiċċi, għax ma xteqtx nitleq, iżda Ġużeppi l-Għoqdi, malajr tu s-sinjul tiegħaw għax bide jitfi ċertu dwul, biex bil-pulit, jgħajd lin-nies li kien għod fadal biex jitilqu. Biex hiwme jkiwnu jistgħaw jibdew il-ħidme twila li kienet twassal sa filgħodu, dik tat-tneħħije tad-damask l-iswed u minfloku jiddendel duk aħmar.

Jien baxxejt rusi, qbadt idejn ummi, u flimkien ma' missieri, tleqne lejn id-dur. Kuntent li kont ħadt sehem u min-neħe 'l oħra, f'xi drubi, immess widnejje biex nura għodhiex hemm.